**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 10 ta' Dicembru 2020.**

**Rikors nru: 377/2020 AGV ;**

AB

vs

CB

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB datat 30 ta' Ottubru 2020 fejn esponiet bir-rispett u ikkonfermat;**

1. Illi l-parijiet zzewwgu fil-knisja tal-Kappuccini, Kalkara, fis- 6 ta' Novembru 1998, u minn daz-zwieg twieldu tlett itfal, D fit- 30 ta' Ottubru 1999, E fl-4 ta' Ottubru 2003 u F fis- 27 ta' Ottubru 2006. Sussegwentament, il-partijiet gew legalment seperati permezz ta' kuntratt ta' separeazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dr. Silvana borg Caruana fit-30 ta' Marzu 2011, ara Dok A;

2. Illi m' hemm ebda possibbilita' ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, il-partijiet ilhom aktar minn erba' snin ma jghixu flimkien u ma hemm ebda pendenza jew kwistjonijiet dwar manteniment bejn il-partijiet. Ghalhekk, il-rekwiziti kollha sabiex jinghata tali divorzji, huma sodisfatti.
3. Illi finalment, l-esponenti tixtieq tirreverti ghal kunjom xbubitha u cjoe' 'G'.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment titlob lil dina Onorabbli Qorti sabiex;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg tal-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn dil-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-registru Pubbliku u dan taht kull provvediment iehor xieraq u opportun.

Il-Qorti rat li fis-seduta tal-Hamis 10 ta' Dicembru 2020, deher il-konvenut James Zammit li iddikjara li m' ghandux oggezzjoni ghat-talbiet, u ghalhekk il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti tilqa' it-talba tar-rikorretni AB li tirreverti ghal kunjom xbubxitha u cjoe, 'G'.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**